MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 524/1999/1

**Amanda Casha mart Mark Tarak Andnan Haddad**

**vs.**

**Dr. Simon Galea Testaferrata u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja li b'digriet tad-29 ta' Marzu 1999 gew nominati bhala kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Mark Tarak Andnan Haddad**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi f'Malta fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) gie ccelebrat iz-zwieg bejn l-attrici Amanda Casha u l-konvenut Mark Tarak Andnan Haddad, bil-forma civili, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bl-att taz-Zwieg li

jgib in-numru elf, mitejn u erbgha’ u erbghin tal-istess sena (1244/97) (Dok “A”) hawn anness;

Illi miz-zwieg taghhom kellhom tifla unika, Robyn Haddad li twieldet f’Malta fil-hmistax (15) ta’ Settembru tas-sena elf, disa’ mija u sebgha u disghin (1997) (Dok “B”);

Illi l-kunsens tal-attrici kien vizzjat minhabba li nkiseb bi vjolenza morali jew biza’ kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi wkoll li l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat minhabba difett serju fid-diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet jew dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghall-istess konvenut biex jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi dan iz-zwieg huwa null a tenur tas-**sub-artikolu (a) (d) u (f) tal-artikolu dsatax (19) tal-Att dwar iz-Zwieg, 1975;**

Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn l-attrici u l-konvenut fit-22 ta’ Lulju 1997 huwa null u bla effett;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-22 ta’ Lulju 1997 u registrat fir-Registru Pubbliku skond l-anness dokument (Dok “A”) huwa null u bla effett u tordna r-registrazzjoni tal-istess sentenza skond il-Ligi u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra skond il-Ligi li jirrigwardaw il-minuri (Dok “B”) a tenur tal-artikolu 20 tal-istess Att kif applikabbli ghal dan il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attrici datat 2 ta' Marzu 1999 fejn talbet lill-Qorti sabiex tinnomina kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Mark Tarak Andnan Haddad fl-atti tal-kawza u fl-atti kollha relevanti ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 29 ta' Marzu 1999 fejn laqghat it-talba u gew nominati Dr. Simon Galea Testaferrata u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-Ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati tal-11 t'Awissu 1999 a fol. 21 fejn gie eccepit:-

1. Illi huma m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk huma m'humiex f'pozizzjoni li jressqu eccezzjonijiet formali dwar il-mertu f'dan l-istadju;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 21 u 22 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tas-16 ta' Settembru 1999 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Edwina Chetcuti bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata; u tas-6 ta' Marzu 2000.

Rat in-nota tal-attrici datata 13 ta' Marzu 2000 li permezz taghha esebiet l-affidavit ta' missierha Joseph Casha.

Rat il-verbali tal-21 ta' Marzu 2000; tal-11 t'Ottubru 2000; tat-8 ta' Novembru 2000; u tal-21 ta' Frar 2001.

Rat in-nota tal-attrici tas-27 ta' Marzu 2001 li permezz taghha esebiet l-affidavit ta' Marthese Galea.

Rat il-verbali tal-20 ta' Settembru 2001; tal-11 ta' Jannar 2002; tal-5 t'April 2002 fejn din il-kawza giet differita sabiex tibda tigi mismugha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta; tal-25 ta' Gunju 2002; u tal-31 t'Ottubru 2002.

Rat in-nota tat-2 ta' Dicembru 2002 tal-kuratur Dr. Simon Galea Testaferrata fejn biha nforma lill-Qorti li kkomunika mal-assenti permezz tat-telefon u dan qallu li huwa ma joggezzjonax ghat-talba attrici dment li jinghata xi forma ta' access regolarizzat ghal bintu l-minuri Robyn Haddad. Dr. Galea Testaferrata nforma lill-Qorti wkoll li huwa ghadu qed jistenna korrispondenza minghand l-istess assenti li jinghad li jinsab l-Ingilterra in konformi ma' din l-istess informazzjoni.

Rat il-verbali tas-6 ta' Frar 2003 fejn il-Qorti giet infurmata li rapport gie pprezentat; tal-11 ta' Marzu 2003 fejn il-Perit Legali Dr. Edwina Grima kkonfermat ir-rapport taghha bil-gurament. Dr. Stephanie Galea ghall-attrici rrimettiet ruhha ghar-rapport u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 27 ta' Novembru 2003.

Rat ir-rapport u s-seduti kollha mizmuma mill-Perit Legali Dr. Edwina Grima, il-provi hemm migbura, x-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### <u>(i) PROVI PRODOTTI.</u>

Illi l-**attrici** xehdet permezz tal-procedura tal-affidavit bil-lingwa Ingliza. L-attrici ltaqghet mal-konvenut f'Gunju 1996 u f'dak is-sajf huma kienu jiffrekwentaw lil xulxin bhala hbieb. F'dan il-perijodu l-konvenut kien ighidilha

kemm jirrispetta lin-nisa. F’Ottubru Mark, Michael Paris u Louise Darmanin qalulha illi kienu qeghdin ifittxu *room mate* u peress illi x-xoghol taghha kien fil-hinijiet ta’ bil-lejl u f’Paceville, hija accettat.

Illi l-konvenut kien qalilha illi huwa kien twieled il-Libya u qatta’ hajtu l-Ingilterra. Wara, izda saret taf illi din kienet gidba ghaliex skopriet illi Mark ghex hajtu kollha gewwa l-Libya u kien biss twieled gewwa l-Ingilterra. Anke l-indirizz li kellu fuq il-passaport, *14, Pinhole Road, Exeter, Devon* kien falz u dan kien biss indirizz fejn zitu kienet ghamlet xi zmien tirrisjedi. Huwa kien iwieghda li kien ser isib impieg hekk kif jircevi xi karti mill-Universita. Huwa qalilha li kien qed jistudja izda wara saret taf illi huwa bil-kemm kien jaf jikteb u jaqra u ftit li xejn kien jaf jikteb bl-Ingliz. Huwa ukoll kien qalilha li kien jaf biss ftit kliem bl-Gharbi, izda meta kienet sitt xhur tqila wara iz-zwieg irrealizzat illi l-ilsien tieghu kien fil-fatt l-gharbi. Meta kkonfrontatu b’dan huwa qalilha illi ma kienx qalilha li jitkellem bl-gharbi peress illi beza’ li hija timxi mod iehor mieghu.

Illi hija tghid illi meta l-konvenut talabha biex jibdew relazzjoni flimkien f’Ottubru 1996, hija accettat. Huwa kien jirrispettaha u ghalkemm kien jixrob meta kienu johorgu Paceville, qatt ma rrealizzat illi fil-fatt huwa kien alkoholiku. Huwa kien ighidilha biex toqghod ’il boghod mix-xorb u t-tipjip u anke minn Paceville u ghalhekk hija hadet din bhala sinjal pozittiv fil-karattru tieghu. Innotat ukoll illi huwa kellu tliet feriti f’idejh, wahda minnhom anke bil-punti u harqa tonda kannella skura.

Illi tliet ijiem wara li bdew johorgu flimkien, il-konvenut staqsiha biex tizzewgu. Huwa qalilha li kellu sorpriza qed tistenniha gewwa l-Belt u jekk thobbu hija tkun lesta sabiex tizzewgu u jkollha t-tfal tieghu, minghajr il-bzonn ta’ tieg formali. Hija tghid illi dan kien wisq kmieni ghaliha u meta talbet lil Michael Paris ghal parir huwa qalilha biex ma tghaggilx ghaliex ma kenitx taf x’intenzjonijiet kellu, izda hija kienet thobbu u ma tatx kaz dawn it-twissijiet.

Illi tliet gimghat wara li bdiet ir-relazzjoni bejniethom, l-attrici harget tqila. Dana gara fl-1 ta’ Dicembru 1996. Minn

hawn il-konvenut irsista sabiex huma jizzewgu. Ftit zmien qabel il-Milied huma biddlu r-residenza taghhom u marru ighixu flimkien ma’ Michael Paris gewwa *Giammani, Triq F. Asserza, Swieqi*. Kien hawn li hija skopriet li kienet tqila. Hija tghid illi r-reazzjoni tal-konvenut ghall-ahbar tat-tqala taghha, kienet wahda bierda. Huwa kien wissiha biex ma tghid lil hadd, lanqas lil Michael biex ma jahsbux illi huwa kien harigha tqila ghal tal-apposta biex ikun jista’ jibqa’ jghix Malta.

Illi f’Jannar, id-dar saret qisha lukanda ghaliex il-konvenut beda jgib hafna nies mill-Libya. Tghid illi kemm hi kif ukoll Michael ma hadux gost u bdew jaraw ftit ftit il-bidla fil-konvenut. Saret taf illi l-konvenut kien qatta’ bosta snin il-Libya u baqghet sorpriza meta semeghtu jitkellem bl-Gharbi ma’ shabu. Huwa kin gharraf lil shabu bit-tqala u wiehed minnhom certu Sirage Ghennudi kien qalilha biex tizzewweg lill-konvenut malajr minhabba illi huwa kellu xi nkwiet. Huwa kien gharrafha li meta kien il-Libya, Mark kien habat go karozza tal-pulizija waqt li kien fis-sakra u kien kissirha. Sirage kien ghenu jahbiha qabel ma sabuha l-pulizija. Ommu ghalhekk kienet hbietlu l-passaport biex ma jigix deportat gewwa l-Libya fejn kien ser jigi nterrogat mill-pulizija, anke peress illi huwa kien harab il-lieva.

Illi l-attrici tghid illi l-konvenut beda jahdem ma’ certu Tony Pandolfino. Wara z-zwieg dan Pandolfino kien gharrafha biex tiehu hsieb il-problema tax-xorb tal-konvenut ghaliex din kient ilha sejra zmien twil. Fil-fatt hawn l-attrici rrealizzat illi l-konvenut kien ilu sentejn alkoholiku. F’dan il-perijodu kien gie Libjan iehor certu Khalid jabita maghhom.

Illi sa dan iz-zmien il-kontendenti kellhom l-intenzjoni li jizzewgu, u dana peress illi anke hi ma xtaqitx illi jkollha tarbija barra z-zwieg, izda l-konvenut gie moghti struzzjonijiet minn huh sabiex jistennih jigi Malta qabel ma jizzewgu. Ma tafx jekk il-genituri tal-konvenut kenux jafu dwar iz-zwieg taghhom. Tghid illi madanakollu l-genituri taghha ma kenux jafu u l-konvenut lanqas riedha tghidilhom b’dan sakemm jizzewgu. Ftit taz-zmien wara hu l-konvenut, Jamal wasal Malta. Huwa qalilhom biex

ma ighagglux biex jizzewgu ghaliex bis-sahha tat-tarbija, il-konvenut ma kienx ser ikollu problemi biex jibqa’ Malta. Wara saru jafu li dan ma kienx minnu u li kien biss permezz taz-zwieg li huwa kien jigi rikonoxxut bhala l-missier. Ir-reazzjoni tieghu ghal dan id-diskors ta’ huh kien li sar indifferenti lejn l-attrici u kien iqatta’ il-hin kollu ma’ hbiebu u hutu. Ftit jiem wara u cjoe’ ghall-ahhar ta’ Frar, huwa ssuggerixxa illi kellhom jiehdu *break* u ma jibqghux ighixu flimkien. Qalilha li din kienet mizura temporanja minhabba fil-problemi li kellu. Il-konvenut sparixxa u l-attrici kellha tghid lill-genituri taghha wahedha li kienet harget tqila. Il-genituri taghha kienu mistaghgba ghaliex hasbu li l-konvenut kien bniedem onest aktar u aktar peress illi huwa qalilhom illi kien gradwad mill-Universita u li kien qatta’ hajjtu l-Ingilterra. Tghid illi hija xorta baqghet izzomm kuntatt mal-konvenut bit-tama illi kien ser jigi lura. Kienet iccempillu, tmur fuq il-post tax-xoghol tieghu gieli anke qattghet iljieli fl-appartment fejn kien ighix. Tghid illi f’dan il-perijodu hija kienet qisha *brainwashed*. Huwa kien ighidilha li kellha biex tirringrazzjah illi baqa’ maghha daqskemm kienet kerha, tant illi hija bil-kemm kienet tkun trid tohrog mid-dar. Kien jikkumenta fuq kemm kienet qed tehxien u kemm kienet kerha anke quddiem huh.

Illi tghid ukoll li peress illi l-konvenut kien ikun rieqed matul il-gurnata u kien jahdem bil-lejl hija qatt ma setghet tinduna qabel iz-zwieg illi huwa kellu l-problema tal-alkohol. Illum tghid li tirrealizza li din kienet ir-raguni ’l ghala hija ma kenitx tkun tista’ tqajmu fil-ghodu.

Illi f’okkazjoni minnhom hija kienet marret ghandu u ratu b’idejh imfaxxata u rat is-sodda bid-demm. Meta staqsietu x’kien gralu huwa wegibha illi kient regghet infethitlu l-ferita l-qadima. Izda wara qalilha li beda jhossu wahdu u li kellu l-problemi ma’ huh u sabiex ihallas xi kont hu qata’ jdejh. Aktar ’il quddiem huwa kien qalilha illi l-feriti li kellu f’idejh kienu *self-inflicted* u li kien anke haraq idejh bis-sigaretti. F’okkazjoni minnhom kien qal illi Stephan Grech, habib li ltaqa’ mieghu sena qabel kien wasslu l-isptar peress illi l-ferita ma kenitx ghalqet wara ftit granet.

Illi meta ghalqet seba' xhur tqala, il-genituri taghha kienu tawha appartament sabiex jinkera. Huma ma kenux jafu bil-problemi li kienet ghaddejja minnhom. Huma kellhom problemi finanzjarji minhabba f'huh Jamal. Il-flus li kienet tonfoq ghall-ikel kien ghalxejn u dana ghaliex lanqas kien jifdal farka ghaliha biex tiekol, ghalkemm kienu jafu illi hija kienet tqila. Il-konvenut ma kienx jixtri ikel u meta kien jixtri xi haga tal-ikel dana kien ghalih biss.

Illi meta marru jghixu fl-appartament ghalihom, l-affarijiet bejniethom bdew imorru ghall-ahjar. Bdew ighixu wahedhom u l-konvenut ma baqax johrog jixrob wahdu. Huwa beda jghidilha illi anke kien ser jipprova jsib xoghol matul il-gurnata.

Illi l-attrici tghid illi f'daqqa wahda l-konvenut beda jinsisti maghha sabiex jizzewgu. L-attrici bdiet tinsisti biex jistennew sakemm titwieled it-tarbija u anke peress illi hija xtaqet tieg formali u dana ma setax isir peress illi hija kienet tqila sew. Il-konvenut deher indifferenti ghal kollox u lanqas qatt ma nsista li jizzewgu bir-rit Musulman. Sussegwentement lanqas sab oggezzjoni illi t-tarbija tigi mghammda.

Illi f'okkazjoni partikolari, huma kellhom incident bil-karozza li kienet sellfithom ommha meta l-konvenut baqa' diehel f'vettura ohra peress illi kien xorob il-lejl ta' qabel. Huwa nsista maghha li tigdeb lill-genituri taghha.

Illi l-konvenut beda jghid lill-attrici illi beda jinkwieta li jigi deportat u li ma jkunx jista' jara aktar lilha u lit-tarbija. Huwa ghalhekk beda jinsisti illi jizzewgu peress illi kien staqsa lill-awtoritajiet u skopra illi biex ma jittkecciex mhux bizzejjed li jkollu tarbija, izda jrid ikun mizzewweg. Ghalhekk beda jinsisti li huma jizzewgu qabel ma jinqabad u jitkecca minn Malta. L-impieg tal-konvenut kien mar ghall-ahjar u kien sar *Deejay* u ghalhekk ma riedx jitkecca. Huwa kien qieghed jahdem illegalment u l-paga tieghu kienet ta' madwar Lm500 fix-xahar. L-attrici ghalhekk kienet wieghditu li jekk jinqabad hija kienet lesta li tizzewgu. Izda hija qatt ma basret illi l-konvenut kien ser

jasal biex imur l-ghassa tal-pulizija u jaghithom l-informazzjoni minn jeddu.

Illi gimghatejn wara li kien talabha tizzewgu, l-attrici cemplet lill-konvenut fuq il-post tax-xoghol u qalulha li ma kienx hemmhekk u li kien ilu hames sieghat li telaq. Qalulha illi kien hadha bi kbira illi l-principal tieghu kien impjega *deejay* iehor peress illi ma riedx jissogra jimpjega lilu sakemm ma kellux il-permessi necessarji. Meta ghadda aktar hin u baqa' ma rritornax l-attrici kriet *taxi* fit-3:00 a.m. u marret tfittxu fuq il-post tax-xoghol tieghu gewwa Paceville. Meta marret lura d-dar sabet il-kxaxen miftuhin u l-passaport tal-konvenut kien telaq. L-attrici harget barra tfittxu u sabet pulizija wara l-bieb li qalilha biex tmur mieghu l-ghassa ghaliex il-konvenut kien mar l-ghassa fis-sakra, hadilhom il-passaport, qalilhom li ser ikollu tarbija u li kien qieghed Malta llegalment. Kien staqsihom x'kien hemm bzonn li jaghmel sabiex jizzewweg. Il-pulzija infurmah illi jekk ma kenux ser jizzewgu kien ser jigi deportat ghal sentejn. Peress illi l-attrici kienet taf illi jekk jigi deportat, hija ma kenitx tkun tista' tmur hdejh peress illi kellha seba' xhur u nofs tqala, iddecidiet li tizzewgu. Dakinhar huwa kien fis-sakra. L-attrici tghid illi iddecidiet li tizzewgu ghaliex kienet daharha mal-hajt. Hija kienet tqila u riedet illi il-konvenut ikun prezenti meta titwieled it-tarbija. Il-proceduri kriminali konta l-konvenut gew posposti ghal Settembru sabiex l-konvenut ikollu cans jizzewweg. L-Ufficjali tar-Registru Pubbliku kienu talbu dokumentazzjoni minn pajjizu bhala prova illi huwa qatt ma kien mizzewweg, izda hu qatt ma ghaddielhom dawn il-karti u kienu izzewgu xorta wahda, minghajr din il-prova. Omm u l-ahwa bniet kienu gew Malta wara li l-attrici nfurmathom bit-telefon illi l-konvenut kien gie arrestat.

Illi l-attrici tghid illi hija kienet hasbet li hadet l-ahjar decizjoni sakemm dak in-nhar stess tat-tieg fil-ghaxija l-konvenut beda jinsisti li johrog wahdu sabiex jiccelebra. Hija baqghet tinsisti u ghalhekk marret mieghu, izda l-lejla kienet wahda dizastruza. Il-konvenut nefaq mitejn lira Maltin (Lm200) fuq shabu, mija li kienet tathom ommu bhala rigal ghat-tieg u mitt lira ohra illi hija kienet

gemmghet biex tixtri is-sodda ghat-tarbija. Spiccat fuq kollox fuq mejda wahedha minghajr hadd ma jaghti kazha. Kienet giet infurmatha minn omm il-konvenut illi huwa kellu problema ta' xorb u li kien ilu jixrob minn mindu kellu tmien snin. Fil-fatt omm il-konvenut li kienet ukoll tixrob kienet issuggeriet lill-attrici illi meta titwieled it-tarbija, hija tibda taghtiha l-alkohol sabiex torqod u li hi kienet ghamlet hekk mat-tfal kollha taghha.

Illi fis-sajf huma ddecidew iqattghu ftit gimghat fir-residenza ghas-sajf tal-genituri taghha. Kien jispicca xoghol fis-1:00 a.m., izda qatt ma kien jidhol qabel is-6:00 a.m. u meta kien imur lura d-dar kien ikun fis-sakra. Il-genituri taghha qatt ma rawh diehel fis-sakra ghaliex dak il-hin kienu ikunu reqdin, izda kienu jikkumentaw fuq ir-riha tal-akohol li kien ikun hemm fid-dar wara. Hija tghid illi darba minnhom il-konvenut kien cempel id-dar kmieni fil-ghodu, kien jinstema' fis-sakra u qalilhom li kellu ncident stradali fis-Salina. Meta hija u r-ragel ta' ohtha marru ghalih sabuh fis-sakra. Hu kien qalilha illi baqa' diehel fil-hajt sabiex jevita kollizzjoni ma' vettura ohra gejja mid-direzzjoni opposta. Il-karozza kienet kompletament imkissra u kellha tinbiegh bhala *scrap*. Il-konvenut kien qal li kien ser ihallas il-hsara kagunata, izda baqa' qatt ma ghamel dan.

Illi hija tghid illi l-problema tieghu tax-xorb tant saret gravi li darba minnhom meta kienet nizlet tarah fuq il-post tax-xoghol ratu jisraq ix-xorb.

Illi meta siehbu Sirage rega' gie lura Malta, il-konvenut rega' stiednu biex imur ighix maghhom id-dar. L-attrici hawn irrealizzat illi ghall-konvenut iz-zwieg taghhom ma kien xejn hlief farsa. Hija bdiet tghix ma' zewg irgiel Gharab illi kienu jaslu d-dar tard fil-ghaxija dejjem fis-sakra. Kienu anke ipejpu l-marijuana, sakemm l-attrici qabdithom jaghmlu dan. Siarge kien gie mgieghel jitlaq ftit granet qabel ma twieldet it-tarbija ghaliex l-attrici riedet tkun wahedha. Il-konvenut xorta wahda baqa' jirrinkaza tard u kien iqatta' ljieli shah wara li jispicca ix-xoghol, fil-*bars* jixrob. Kien jonfoq il-flus kollha fix-xorb.

Illi hija tghid li huwa kellu salarju ta’ ’l fuq minn Lm400 fix-xahar izda lanqas il-kera tal-appartament fejn kienu qeghdin ighixu ma kien qieghed ihallas. Huwa wieghdha li kien ser ihallas l-ammont dovut. Meta twieldet it-tarbija taghhom Robyn, huwa qalilha li ser jiehu gimghatejn *off* mix-xoghol, izda lanqas ghamel ftit minuti maghha u meta rritornat mill-isptar  sabet id-dar fliexken tal-whisky u vodka vojta. Il-problema tax-xorb bdiet issir wahda serja. L-attrici tghid illi huma marru jghixu ghal xahar mal-genituri taghha sakemm sabu residenza alternattiva. Huwa ma kienx ighinha bit-tarbija u bil-kemm kien ikun id-dar tant illi l-genituri taghha bil-kemm kienu jarawh. Kien johrog mill-kamra tieghu meta ma kenux ikunu hemm il-genituri b’riha fuqu qawwija ta’ xorb. Kien jixrob ix-xorb kollu li kien isib gewwa d-dar. Darba minnhom kien dam ma jmur lura d-dar u kienet sabitu ghand l-iskola tas-sur Pandolfino flimkien ma’ Sirage, mixhut ma’l-art kompletament fis-sakra.

Illi ftit gimghat wara sabu post u telqu minn ghand il-genituri taghha. Minn meta nbdew il-proceduri kriminali kontra tieghu f’Settembru l-konvenut beda jinsisti ma’ l-attrici biex tmur tiffirmalu l-karti ghal *freedom of movement* u ghall-*work permit*, izda hija ma kellhiex ghaggla wkoll peress li issa kienu mizzewgin. Meta fl-ahhar l-attrici marret biex tiffirmalu dawn il-karti, huwa nfurmaha li kellu mara ohra certu Marthese Galea u li kien ser ikollu tarbija minn din il-mara. Huwa qalilha illi kien jaf li din il-mara kienet tqila qabel ma kien mar l-ghassa tal-pulizija sabiex jirrapporta illi kien qieghed Malta llegalment. Huwa kien qalilha biex tizzewgu ghaliex beza’ illi jekk hija issir taf illi din il-mara kienet tqila, ma kenitx tkun trid tizzewgu u kien ikollu jitlaq minn Malta u jitlef l-impieg tieghu ta’ *deejay*. Hawnhekk huwa qal lill-attrici li fil-fatt ma kienx ihobbha. Peress illi huwa kien qieghed jibza’ mir-reazzjoni ta’ missier l-attrici, l-konvenut iddecida li jitlaq lejn l-Ingilterra. Qabel ma telaq huwa ha l-Lm150 rigali li kienet irceviet it-tifla ghal maghmudija, ic-certifikat tat-twelid u c-certifikat taz-zwieg. L-ghada hija marret fuq il-post tax-xoghol tieghu u sabet li kien ghadu hemm. Huwa qalilha quddiem Pierre Galea, l-imghallem tieghu, illi kien hareg din il-mara tqila qabel izzewweg u li kienet qed tigri warajh ghall-flus.

Hija kkuntattjat lil din Marthese Galea li qaltilha illi l-konvenut kien ighidilha li kien ser jizzewwigha mhux ghal flus izda ghaliex ried il-permess biex ikun jista' jibqa' Malta u jkun jista' jahdem. Qaltilha ukoll illi kienu ilhom jafu lil xulxin ghal madwar tliet snin.

Illi l-attrici tghid illi l-konvenut qatt ma wera nteress fit-tifla u ghalkemm kien ighid illi qed jissellef il-flus sabiex ihallas l-ispejjez medici ta' bintu, izda huwa qatt ma taha sold sabiex ikopru dawn l-ispejjez. Kienu ihallsu dawn l-ispejjez il-genituri taghha ghaliex hija ma kellhiex introjtu iehor.

Illi l-attrici izda kienet regghet marret toqghod mal-konvenut, meta huwa kellu ncident u kiser idejh it-tnejn. Darba minnhom huwa mar lura d-dar u nfurmaha illi Marthese Galea kellha tifel u semmietu Luke. Meta ommu saret taf dwar l-incident, hija giet izzur lill-konvenut u bdiet taghti it-tort ghall-incident lill-attrici li ma gharfitx taccetta l-fatt illi l-konvenut kellu mara ohra kif kellu kull dritt li jaghmel taht il-ligi Islamika u Libjana. L-attrici tghid illi l-konvenut kompla jixrob, jigi tard bil-lejl id-dar fis-sakra u jabbuza verbalment minnha. Kienet tahbi s-skieken biex huwa ma jweggax lilu nnifsu. Xi gimghatejn wara li huh Jamal mar joqghod maghhom, il-pulizija qabbduh ibiegh id-droga. Il-konvenut beda jibza' li l-pulizija ser jigu iffitxu fid-dar taghhom u hawnhekk l-attrici bdiet tahseb hazin.

Illi hija tghid li l-genituri taghha baqghu jghinuha finanzjarjament u jaghtuha il-flus biex tixtri l-ikel u dana peress illi l-konvenut kien jonfoq il-paga fl-ewwel gimgha. Kien hemm granet ukoll fejn l-attrici kienet tibqa' hija stess minghajr ikel sabiex tixtri l-ikel ghat-tarbija. F'okkazjoni partikolari kemm hi kif ukoll it-tarbija marrdu bid-deni u tonsillite u l-konvenut irrifjuta li jgib it-tabib peress illi qal illi meta kienu zghar hu u hutu qatt ma gew bzonn tabib u li dan kien hela ta' flus. Ghalhekk l-attrici kellha ccempel lill-genituri taghha sabiex tghidilhom dak illi kien gara u huma hallsu ghat-tabib u ghall-medicini.

Illi l-attrici bdiet tfittex xoghol *part-time* sabiex ma jkollhiex tiddependi aktar fuqu ghall-ghixien. Meta hija hadet xoghol li kellu jmur ghalih hu, kienet telqghet ghax-xoghol

u fdat it-tarbija f'idejh, izda meta marret lura kif spiccat ix-xoghol sabet it-tarbija fis-sodda taghha u kien jidher illi huwa ghamel gurnata shiha lanqas biss taha kazha ghaliex la kien naddafha u lanqas taha tiekol. Gara ta' l-attrici qaltilha li kienet semghet lit-tarbija tibki gurnata shiha. Minn hawn l-attrici ddecidiet li titlaq lill-konvenut, izda ppjanat li tibqa' mieghu sa Gunju biex ma tisfrattax it-tieg ta' ohtha. F'lejl minnhom hija kienet qamet u sabet lill-konvenut ipejjep il-marijuana. Huwa kien qalilha biex ma taghmilx ghageb ghaliex huwa kull lejl kien jixrob u jpejjep il-marijuana u kien ghalhekk li kull fil-ghaxija kien jirremetti.

Illi l-attrici ppakkjat kollox izda qabel ma telqet iddecidiet iccempel lil Marthese ghall-ahhar darba. Huma ltaqghu u Marthese kienet qaltilha illi fiz-zmien illi huwa kien qalilha biex tmur tghix mieghu kien ipproponilha biex tizzewgu w uza kwazi l-istess kliem li kien uza maghha. Qaltilha fuq il-problema tieghu bix-xorb u d-droga u qaltilha wkoll illi kellu problema ma' xi bank fl-Ingilterra. Marthese xtaqet illi l-konvenut jara lil binhom ghall-anqas ghal darba u hija hallietha taghmel dan izda l-konvenut irrabja u heddidha li jekk terga' tipprova taghmel dana huwa kien joqtolha. Meta ohtha zzewget, l-attrici telqet mid-dar u saret taf li ftit gimghat wara dahlet mara ohra tghix mal-konvenut.

Illi peress illi l-konvenut ma kienx qieghed imur jara lil bintu, l-attrici kienet talbet lill-genituri taghha jwassluha fl-appartament tieghu darba kull gimgha sabiex jaraha, izda l-konvenut  beda jgorr ghaliex it-tarbija kien ighid kienet wisq fuq ruhha. Eventwalment l-attrici ddejqet tmur anke ghaliex l-appartament kien ikun mahmug b'*condoms* jigru ma' kullimkien u kien anke jkun hemm il-hmieg fil-kamra tas-sodda. Il-lozor kienu jkunu mimlija hmieg ukoll u mahruqa bis-sigaretti u kien hemm anke d-demm ma' l-art. Ghalhekk kienet qaltlu biex jigi jara lil bintu meta jixtieq izda huwa qatt ma mar. Huwa qatt ma taha flus ghat-tifla u ghalhekk l-attrici kellha tibqa tghix bl-ghajnuna tal-genituri taghha.

Illi l-konvenut telaq minn Malta lejn Ottubru 1998. Kienet zammet kuntatt mieghu sakemm baqa' jghix ghand zitu,

izda meta telaq minn hemm hija tilfet kull kuntatt mieghu. Cempel darba fil-Milied wara li kien telaq izda qatt ma staqsa ghal bintu.

Illi darba kien ukoll qalilha illi ser ighidilha biex tmur tghix mieghu izda qatt ma ghamel dan ghaliex ma kienx minnu. L-attrici tghid illi minn mindu telaq hija rceviet biss zewg telefonati ohra. F'wahda minnhom kien talabha tikteb ittra lill kunsill lokali tal-post sabiex jaghtuh dar. Qatt ma staqsa ghal bintu u lanqas kien interessat jaghmel dan.

Illi l-attrici tghid li illum hija ghadha tghix mal-genituri taghha u qed issegwi kors full-time mal-I.T.S..

Illi missier l-attrici, **Joseph Casha** jghid illi ghalkemm qatt ma ha grazzja mal-konvenut, izda lil bintu qatt ma hassrilha. Ighid illi darba kienet cemplitilhom id-dar l-attrici u qaltilhom li l-konvenut ried li jinfirdu u li hi kienet harget tqila. Dan ghalihom kien xokk kbir. Kienu haduha d-dar maghhom , izda l-attrici baqghet iccempel lill-konvenut u fl-ahhar qaltilhom li regghet sejra tghix mieghu. Huwa jghid illi kien krielhom *flat* izda wara ftit taz-zmien il-konvenut kien dahhal Gharbi jghix maghhom. Jiftakar okkazjoni wkoll meta ha l-konvenut l-isptar ghaliex qallu kien waqqa' kaxxa tal-luminata fuq saqajh u qallu ukoll li kellu diversi marki fuq gismu peress illi kien *accident prone*.

Illi huwa jirrakkonta meta kien mar l-ghassa tal-pulizija ma' Amanda ghaliex il-konvenut kien mar hemmhekk u qalilhom li kien immigrant illegali. Anke is-surgent tal-pulizija kien ra din l-imgieba bhala stramba u nduna li l-konvenut kellu xi skop wara dan. Meta kellem lill-konvenut gewwa c-cella, huwa kien qallu illi huwa ma riedx jitkecca minn Malta izda ried illi Amanda tizzewgu. Ftit granet wara kienu waslu l-familja ta' Mark sabiex jassistuh. Mark kien inheles u giet iffissata d-data taz-zwieg civili. Dakinhar huwa jghid illi l-konvenut kien wasal tard ma' zewg hutu tfajliet. Dawn iz-zewg tfajliet ghamlu c-cerimonja shiha jidhku qiesu din kienet xi farsa filwaqt li l-konvenut zamm kalm qiesu ma kien qieghed jigri xejn. Anke meta twieldet it-tifla taghhom Robyn, ix-xhud ighid li l-konvenut lanqas

biss kien taha kaz. Kien biss dakinhar tat-twelid li kien mar l-isptar jara lil Amanda.

Illi xi zmien wara, ix-xhud ighid li l-kontendenti kienu marru jghixu maghhom. Huwa jghid li bilkemm kien jaraha u dan ghaliex kien jibqa' rieqed imbaghad jitlaq lejn Paceville. Jaf li f'dak il-perijodu kien beda jonqoslu x-xorb u Amanda kienet ammettiet mieghu li kien qieghed jiehdu l-konvenut, izda huwa qatt ma rah jaghmel dan.

Illi wara xi xahar huma krew *flat* gewwa San Giljan u ftit wara l-konvenut kien qal lil bintu li huwa kellu relazzjoni ma' mara ohra u kien harigha tqila. Qalilha ukoll li huwa kien izzewwigha sabiex jibqa' jghix u jahdem Malta. Hawnhekk l-attrici kienet lahqet iffirmat xi dokumenti sabiex il-konvenut jikseb *il-freedom of movement*. L-attrici telqet mid-dar u marret tghix maghhom u f'dan iz-zmien il-konvenut qatt ma mar izurha. Ix-xhud ighid li kien iwassal lil bintu u lit-tarbija fil-lukanda Paceville fejn kien ighix, izda darba minnhom kellu ncident serju fejn waqa' mill-gallarija. Huwa ighid li kien iwassal lil bintu l-isptar sabiex tara lill-konvenut.

Illi wara li hareg mill-isptar, bintu regghet marret lura tghix mal-konvenut u marru jghixu gewwa appartament f'San Giljan. F'okkazjoni meta huwa kien qieghed hemm wasal il-konvenut u beda jerfa' u jgholli t-tifla u li kieku ma zammhiex hu, kien iwaqqa' t-tarbija. Hawnhekk Amanda qaltlu li l-konvenut kien ikun spiss fis-sakra.

Illi l-affarijiet bejn il-kontendenti bdew imorru ghall-aghar. L-attrici kellha problemi finanzjarji u ghalhekk huma kellhom ighinuha. Fl-ahhar hija ma setatx tiflah u ghalhekk telqet il-konvenut u regghet marret tghix maghhom. Meta marru ghaliha, ix-xhud ighid li l-konvenut rieqed kien u rieqed baqa'. L-attrici baqghet tipprova ccempillu, izda l-bicca l-kbira ma kenitx issibu hemmhekk. Huwa jirrakkonta okkazjoni meta t-tifla tieghu kienet organizzat festin ghat-tarbija izda ghalkemm ippreparat kollox, il-konvenut baqa' ma tfaccax u kien wasal tard bil-lejl ghamel ftit minuti u telaq.

Illi x-xhud ighid li huwa ha gost meta sema' illi l-konvenut kien ser jitlaq minn Malta u jmur lejn l-Ingilterra. Huwa jghid li z-zwieg ta' bejniethom kien biss hrafa u dana ghaliex il-konvenut kien uza lil bintu ghall-iskopijiet ta' mohhu. Huwa jghid illi wara li telaq minn Malta l-konvenut huwa cempel ftit drabi biss izda dawn il-kuntatti illum spiccaw.

Illi x-xhieda ta' omm l-attrici, **Winifred Casha**, tirrifletti dik moghtija minn zewgha Joseph. Hija tghid li bintha ma kellha l-ebda ghaggla biex tizzewweg lill-konvenut. Hija kienet marret tghix mal-konvenut u anke jghixu xi hbieb tieghu flimkien maghhom. L-ahbar tat-tqala taghha kienet xokk ghaliha u ghal zewgha aktar u aktar peress illi huma ma kenux qed japprovaw r-relazzjoni taghha mal-konvenut.

Illi tikkonferma li wara li l-konvenut kien gie arrestat minhabba li kien immigrant illegali, il-kontendenti ffissaw id-data tat-tieg immedjatament u dana peress illi l-konvenut kien ser jigi deportat.

Illi tghid illi l-konvenut kien jixrob hafna u meta kienu marru joqghodu maghhom Amanda u Mark kienu anke naqqsulhom xi fliexken tax-xorb. Tghid li lil-konvenut bil-kemm kienet tarah ghaliex meta jigi id-dar kien jorqod, imbaghad iqum imur ghax-xoghol u jirritorna id-dar tard hafna. Tghid li l-konvenut ma kienx jaghti flus lil bintha ghaliha u ghal binthom u kienu hi u zewgha li kienu jghinuha finanzjarjament.

Illi meta mbaghad il-konvenut qal lil martu li kellu mara ohra, huma kienu nfirdu. Din il-mara, certu Marthese Galea kient ukoll tqila bit-tarbija tal-konvenut. Amanda u t-tifla marru joqoghdu maghhom, izda wara ncident li kellu l-konvenut, binthom kienet regghet marret tghix mieghu peress li ma setax ighix wahdu minhabba l-feriti rapportati f'dirghajh. L-affarijiet marru mill-hazin ghall-aghar, kien jittraskura kemm lilha kif ukoll lit-tifla, flus ma kienx jaghtiha, lanqas ghat-tabib. Hawnhekk binthom indunat illi zewgha kien izzewwigha biss sabiex ikollu l-permess biex jibqa' Malta.  B'hekk huma regghu nfirdu u hu lanqas biss

kien jaghti kazha jew kaz it-tifla. Lanqas ghal *birthday party* taghha ma kienx attenda u wasal wara li wassluh shabu fis-siegha ta’ fil-ghodu. Sussegwentement huwa telaq lejn l-Ingilterra u bintha ma ratux aktar.

Illi **Marthese Galea** tikkonferma li hija kienet bdiet tohrog mal-konvenut qabel ma huwa beda’ johrog mal-attrici. Hija kienet iltaqghet mieghu f’Lulju 1995 fiz-zmien meta huwa ma kellux permess biex jirrisjedi Malta u kien qieghed Malta bil-mohbi. Hija baqghet tiffrekwentah sa Ottubru 1996 izda tul dan il-perijodu kienu johorgu *on and off* u minn Gunju sa Settembru 1996, huma kienu qatghu kompletament.  Hija tghid illi fil-perijodu li kienet tohrog mal-konvenut huwa kien gieli semmielha z-zwieg u kien ighidilha biex isibu qassis sabiex jizzewgu. Ried ukoll tarbija u dana wara l-ewwel xahar li bdew johorgu flimkien.  Tghid ukoll illi qabel ma beda johrog maghha huwa kellu tfajla ohra u kien baqa’ jzomm kuntatt maghha minkejja illi kien beda johrog maghha.

Illi Marthese Galea tghid li ghalkemm kienet thobbu lill-konvenut, izda hija ma kenitx lesta li tiehu dan il-pass. Madwar gimgha qabel ma hassru r-relazzjoni taghhom, il-konvenut kien talabha sabiex tmur tghix mieghu, izda peress illi kienet ghadha tistudja l-Universita, hija rrifjutat. Ftit granet wara hija ratu flimkien ma’ l-attrici. Dan ratu ghaliex kien gie jwassalha sal-karozza taghha u malli daret ratu id f’id mal-attrici. Wara ftit indunat li kienu saru koppja fissa.

Illi x-xhud tghid li hija baqghet thobb lill-konvenut ghalkemm kienu hassru r-relazzjoni taghhom. Ghalhekk baqghet izzom kuntatt mieghu izda hadet xokk meta semghet minn ghand habiba li l-attrici kienet harget tqila. Meta kkonfrontatu, hu ma kienx ha pjacir b’din ir-reazzjoni, izda tghid li dak in-nhar huwa kien fittixha. Hija tikkonferma li fiz-zmien li kienet taf lill-konvenut huwa kien jixrob u jisker, kien jonfoq flusu fix-xorb. Ghalhekk meta kienu flimkien kienet tispicca tmantnih hi mill-flus tal-istipendju universitarju. Hija kienet saret taf illi l-konvenut kellu xi zija l-Ingilterra, izda huwa kien ighidilha li ma riedx

ighix hemmhekk ghaliex ma kienx imur tajjeb man-nies f'dak il-pajjiz.

Illi hija tghid li kienet tara sinjali perturbanti fuq idejn l-konvenut. Kien jaqbad sigarett u jahraq il-gilda ta' idejh, liema harqa ma kenitx tkun wahda hafifa. Kellu sinjali ta' hruq qiesu ihalli s-sigarett fit-tul u tghid illi taf illi dawn kien jaghmilhom hu.

Illi **Peter Borg** mir-Registru taz-Zwigijiet ezebixxa kopja tac-certifikat taz-zwieg tal-kontendenti li gie mmarkat bhala Dokument "PB1". Huwa xehed illi l-konvenut huwa cittadin Ingliz u ghalhekk ma kellux *free status certificate* u cjoe' illi huwa kellu l-istat li jippermettielu jizzewweg jew ghaliex ikun guvni jew ghaliex ikun liberu li jizzewweg. Illi ghalhekk huwa gie kostrett jiehu gurament f'dan is-sens u huma strahu fuq dan il-gurament wara li nghata spjegazzjoni ta' l-implikazzjonijiet ta' l-istess. Mill-applikazzjoni tieghu jirrizulta illi huwa kien residenti l-Ingilterra u dana skond dikjarazzjoni tieghu stess tal-1 ta' Lulju 1997, liema dikjarazzjoni giet esebita u mmarkata bhala Dokument "PB2". Giet esebieta mix-xhud ukoll kopja tad-dikjarazzjoni maghmula kemm mill-attrici kif ukoll mill-konvenut li gew immarkati bhala Dokumenti "PB2" u "PB3". Ix-xhud jispecifika li l-konvenut kien ghamel dikjarazzjoni solenni u ma kienx ha gurament bil-Koran. Gew esebiti wkoll kopja tac-certifikat tat-twelid tal-partijiet, Dokument "PB4" u "PB5", kopja tat-tnihdijiet, Dokument "PB6", u certifikat tal-publikazzjoni tat-tnihdijiet, Dokument "PB7".

Illi **Anthony Fenech**, mid-Dipartiment tac-Cittadinanza, jixhed illi l-konvenut applika ghall-*exempt person status* fit-2 ta' Dicembru 1997. Ighid li huwa izzewweg f'Lulju 1997 u kien abbazi ta' dan iz-zwieg illi huwa ghamel applikazzjoni. F'Marzu 1995 huwa kien applika ghal *work permit*, izda dan gie rifjutat f'Awissu 1995. L-ittra hija ndirizzata lil Pandy's Riding School Co. Ltd.. Ma kienx hemm applikazzjoni ohra sa Dicembru 1997 biex ikun jista' jibqa' Malta. Huwa ighid li meta applikant jipprezenta certifikat taz-zwieg, huma ma jaghmlu l-ebda indagini ohra sabiex il-persuna tinghata l-*exempt person status*. L-

*exempt person status* gie ikkonfermat fid-19 ta' Jannar 1998.

Illi **Dr. Maria Sciberras**, bhala rapprezentant ta' l-Isptar San Luqa xehdet illi mill-*file* tal-konvenut jirrizulta illi huwa kien idahhal l-isptar fit-23 ta' Frar 1998 u hareg fit-28 ta' Frar 1998. Mill-*file* rrizulta illi l-pazjent kien residenti Malta u ma kienx hemm numru tal-karta tal-identita'. Jirrizulta illi hemm *casualty admittance* fis-27 ta' Gunju 1995.

Illi **Vincent Vassallo**, *records officer* gewwa l-Habs Civili tal-Kordin, ighid illi fit-28 ta' Gunju 1997, il-konvenut kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati taht arrest akkuzat illi kien Malta minghajr permess. Fit-2 ta' Lulju tal-istess sena huwa nghata l-liberta provvizorja. Ma jirrizultax *records* rigward l-ezitu tal-proceduri peress li jekk l-akkuzat ma ikunx inghata piena karcerarja, huma ma jigux infurmati. Ix-xhud ezebixxa kopja ta' l-arrest tal-konvenut li gie mmarkat bhala Dokument "VV".

## (ii) KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI U FATTWALI.

Illi l-attur qieghed jibbaza t-talba tieghu ghan-nullita' taz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fis-16 ta' Frar 1991 abbazi ta' dak dispost fl-**artikoli 19 (1) (a) u (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi zwieg ikun null, taht din id-disposizzjoni tal-ligi: -

***19 (1) (d)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi minn gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna jidher car li l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratti in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa kuntratt *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu l-kunsens, izda li l-

istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi ir-rabta taz-zwieg. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma ikunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li igib mieghu iz-zwieg, allura jinholoq dubbju kemm dak il-kuntratt huwa wiehed validu:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus … richiede una capacita' intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita' di mente e di liberta' dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita."* (**Forum 1990. Vol. I. part 1, pg.72**)

Illi l-kuncett tad-*discretio iudicii* ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi iz-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe' ghall-obbligi u id-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. *Inoltre* l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi.

Illi hawn qed issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"** deciza fl-4 ta' Novembru 1994 fejn il-Qorti studjat fil-fond il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju. Fil-fatt fi kwotazzjoni twila ta' ***Pompedda*** l-Qorti sostniet:-

*"In ogni caso i nubenti debbono avere conoscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale sia nei rigwardi dell'altra parte sia nei rigwardi della prole."*

Illi l-istess sentenza tidhol fil-fond f'dak li ighid ***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu:-

*"La discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva … La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, dell'emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore … Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro."*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (deciza fl-14 t'Awissu 1995), din il-Qorti diversament presjeduta osservat is-segwenti:-

*"It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will freedom (autonomia) from all force from within."*

Illi s**-subiniciz (1) (d)** jaghti bazi ohra ghan-nullita taz-zwieg minhabba vizzju tal-kunsens. L-anomalija psikologika trid tkun wahda serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Kif gie ritenut fis-sentenza hawn fuq citata:-

*"Inkapacita' jew impossibbilta' vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja ndipendentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jikklassifikaha fil-kamp psikjatriku jew ta' psikologija tintakka sostanzjalment il-kapacita' di intendere e/o di volere".*

Illi finalment ghalkemm il-**Kapitolu 255** ma taghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif iddikjarat il-Qorti fis-sentenza hawn fuq citata dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe' dik l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk ikkreat ma jistax ikun wiehed validu.

Illi finalment issir pjena referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Joseph Farrugia vs Marthese Fsadni"** deciza fl-1 ta' Ottubru 2002 fejn il-Qorti ghamlet studju approfondiet ta' din il-*caput nullitatis.*

Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tezamina din id-dispozizzjoni tal-ligi fid-dawl tal-provi prodotti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut kien Gharbi u ta' religjon Musulman. Illi *inoltre* mill-provi jidher car illi d-dipendenza tal-konvenut fuq l-akohol u d-droga kienet tezisti qabel iz-zwieg (ara xhieda ta' Marthese Galea) u baqghet tezisti ukoll wara tant li ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi fil-mument tal-ghotja tal-kunsens matrimonjali huwa kien qieghed jagixxi taht din l-influwenza. Illi din kienet tant problema serja li kien anke jispicca jwegga' lilu nnifsu bhal meta kien qata' lilu innifsu bi skieken, u meta waqa' minn gallarija ghal isfel. Minhabba din id-dipendenza fuq l-alkohol u fuq id-droga l-konvenut certament ma setax ikun kapaci jerfa' r-responsabbiltajiet tal-hajja mizzewga. *Inoltre* minhabba it-twemmin tieghu huwa ma setax ikollu dik id-diskrezzjoni ta' gudizzju

necessarja biex jigi stabbilit il-kuntratt taz-zwieg kif mifhum taht il-ligi taghna.

Illi jirrizulta li ghalih kienet haga naturali li huwa jkollu nisa ohra u fil-fatt jirrizulta ukoll li huwa kellu hbiberija ma' mara ohra, certu Marthese Galea, minn qabel iz-zwieg, liema relazzjoni baqghet sejra sa wara z-zwieg tant li ftit xhur wara li zzewweg lill-attrici, din Marthese Galea harget tqila mir-relazzjoni illi hija kellha mal-konvenut.

Illi matul il-hajja mizzewga, l-konvenut ma gharafx jerfa' r-responsabbiltajiet tal-hajja mizzewga. Qatt ma kien ikun prezenti d-dar, u meta kien jigi lura kien ikun il-hin kollu fis-sakra u jidhol jorqod. Finanzjarjament huwa qatt ma kien ta' ghajnuna ghall-attrici ghaliex hija spiccat tghix litteralment minn fuq dahar il-genituri taghha li kienu jaghtuha l-assistenza kollha li kellha bzonn. Lanqas flus ghat-tarbija taghhom ma kien jaghtiha u anke rrifjuta jaghtiha l-flus sabiex iggib tabib meta hi u t-tarbija kienu morda. Il-paga kien jonfoqha wara gimgha fuqu innifsu. Kien mohhu biex jigri barra ma shabu, jixrob u jisker. Kif ighid missier l-attrici, z-zwieg tal-kontendenti kien biss farsa u holma. Kuntratt validu taz-zwieg f'dawn ic-cirkostanzi ma setax jinholoq.

Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-konvenut ma kellux id-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjesta fl-artikolu hawn fuq citat u ma kienx kapaci jerfa' r-responsabbiltajiet tal-hajja mizzewga.

Illi din il-Qorti issa sejra tghaddi ukoll biex tezamina n-*nullita' o meno* taz-zwieg tal-kontendenti fid-dawl ta' dak dispost fl-**artikolu 19 (1) (f),** iccitat mill-attrici fil-premessi tac-citazzjoni:

***Art 19 (1) (f)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga".*

Illi hawnhekk il-Ligi qieghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa l-qofol ta' kwalunkwe ftehim jew kuntratt, specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista' jghid illi z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom. L-awtur **F. Anzar Gil** fil-ktieb tieghu *"El Nuevo derecho matrimonial canonico"* jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali:

*"Nel senso guridico ampio viene chiamato consenso l'incontro di diverse volonta in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta' di un uomo e di una donna in ordine alla cotituzione dello stato coniugale."*

Illi ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b'xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie suimulat? Jekk il-kunsens intern ta' persuna ma ikunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni ta' l-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li qed tahseb jew trid internament, allura huwa ovvju illi dik l-azzjoni umana hija wahda simulata.

*"Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta' di celebrarlo, mentre in realta' nell'interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e' necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell'interno della volonta."* (**J.F.Castano – Il Sacramento Del Matrimonio).**

Il-ligi fl-**artikolu 19(1) (f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazzjoni totali meta persuna teskludi z-zwieg fit-totalita tieghu bhala ftehim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjtihom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghal kuntratt matrimonjali. Tezisti

simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi necessarji rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija tal-ulied, jew l-eskluzjoni tal-obbligu tal-fedelta' lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga l-validita o meno tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi nvestigata. Il-ligi tistabbilixxi li biex il-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed illi ikun hemm l-assenza tal-volonta' ghaz-zwieg, izda jrid bil-fors ikun hemm l-eskluzjoni pozittiva. Dan ifisser li l-persuna li tkun qed taghti l-kunsens tissimula dak il-kunsens meta jkollha l-volonta' u x-xewqa li teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju li tali eskluzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista' jkun illi mic-cirkostanzi kollha li jsegwu tal-hajja matrimonjali jkun car li l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat.

*"L'atto positivo della volonta non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta puo' essere emesso anche con intenzione implicita, vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta, oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi.* (***O. Giacchi*** **– Il Consenso Matrimoniale Canonico**).

Illi sfortunatament fis-socjeta' Maltija, f'dawn l-ahhar snin it-tip ta' zwigijiet bhal dak in dizamina huwa fenomenu li qieghed jizdied tant illi recentement anke l-legislatur haseb biex jipprovdi tip ta' sanzjoni ghal dawn l-hekk imsejha zwigijiet ta' konvenjenza, fejn nies barranin kienu qeghdin jidhlu ghal zwigijiet ma' Maltin sabiex jassiguraw permess biex jirrisjedu u jahdmu f'pajjizna. Illum l-ebda persuna li ma tkunx ilha minn tal-anqas mizzewga ma' persuna Maltija ghal hames (5) snin shah, ma tista' tikseb ic-cittadinanza Maltija.

Illi l-attrici, sfortunatament ghaliha waqet f'din in-nasba bhalma waqghu bosta nisa Maltin li wara anqas minn sena zwieg jispiccaw quddiem il-qrati taghna sabiex jiksbu annullament wara li jirrealizzaw li gew ingannati minn dawn in-nies barranin li jkunu ssimulaw il-kunsens matrimonjali sabiex jottjenu l-permess necessarju sabiex jibqghu Malta.

Illi kemm ix-xhieda ta' Anthony Fenech mid-Dipartiment tac-Cittadinanza, kif ukoll dik ta' Peter Borg mir-Registru taz-Zwigijiet jikkonfermaw dan il-fatt. Jidher illi xi ftit taz-zmien qabel ma ltaqa' ma' l-attrici l-konvenut kien diga' pprova jottjeni *work permit*, izda dan kien gie rifjutat. Ghalih ghalhekk l-uniku tama biex huwa jibqa' Malta kien li jiltaqa' ma' tfajla Maltija u jizzewwigha. L-intenzjoni kienet mill-bidu tidher fl-azzjonijiet tal-konvenut li introduca ruhu ma' l-attrici taht sembjanzi ohra, u cjoe' billi heba minnha l-fatt li huwa kien gharbi u ta' religjon Musulmana. Fil-fatt lill-attrici huwa qalilha illi kien ghex hajtu l-Ingilterra sabiex ma jgerrixhiex. It-tieni pass li ha l-konvenut kien li hareg lill-attrici tqila. Dana ghamlu ghaliex huwa gie mgieghel jahseb li jekk ikollu tarbija minn mara Maltija din kienet tkun il-passaport tieghu ghal Malta. Izda meta huwa rrealizza li dan il-fatt wahdu ma kienx bizzejjed u li huwa seta' jaghmel dan bil-fors biz-zwieg, allura minn dan il-mument 'il quddiem huwa beda jinsisti mal-attrici biex jizzewgu u meta nduna li l-attrici kienet qed tkun titubanti fid-decizjoni taghha, huwa mar minn jeddu l-ghassa tal-pulizija jirrapporta lilu nnifsu sabiex jigi arrestat u b'hekk pogga lill-attrici daharha mal-hajt, sabiex hija ma kellhiex ghazla ohra hlief li tizzewgu. L-attrici kienet avvanzata sew fit-tqala taghha u ghalhekk ma reditx li l-konvenut jigi deportat, meta kienet waslet biex twelled it-tarbija tieghu u b'hekk hija spiccat kellha tizzewgu sabiex huwa jibqa' maghha.

Illi *inoltre* mix-xhieda ta' Marthese Galea jidher li huwa kien diga' pprova jaghmel l-istess maghha, izda hija ma waqghetx ghan-nasba tieghu peress li ghaliha l-istudji universitarji taghha kienu ta' certu mportanza.

Illi dak kollu li sehh wara z-zwieg huwa ndikattiv aktar u aktar ta' kemm kien simulat il-kunsens matrimonjali tal-konvenut, li ma kellu l-ebda ntenzjoni jghix hajja mizzewga mal-attrici, izda baqa' ighix l-istess hajja ta' guvni, johrog, jibqa' tard barra, jisker u jiddroga ruhu. Ma kellu l-ebda ntenzjoni jkun ta' sieheb ghall-attrici, tant li lanqas flus ma kien jaghtiha u kien ihalliha fil-bzonn. Lanqas f'bintu ma kellu nteress – ma kellu l-ebda ntenzjoni jkun ta' missier ghaliha. Kwantu ghall-obbligu tieghu tal-fedelta', jidher illi mhux biss huwa kellu diga' relazzjoni ma' mara ohra qabel iz-zwieg, izda din kompliet anke wara z-zwieg tant li, kif inghad aktar 'il fuq, ftit xhur wara iz-zwieg, din il-mara harrget tqila mir-relazzjoni li kellha mal-konvenut. Il-konvenut spicca biex abbanduna kemm lil martu kif ukoll lil bintu tant illi illum hija tilfet kull kuntatt mieghu.

Illi ghalhekk din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju illi l-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien wiehed totalment simulat u dana in vista tal-fatt li fil-mument tal-ghotja tal-kunsens matrimonjali huwa kien qieghed jeskludi z-zwieg fit-totalita' tieghu ghaliex ghalih dan kien biss mezz biex huwa jikseb il-permessi necessarji biex jirrisjedi u jahdem Malta.

Illi fl-ahharnett l-attrici ticcita dispozizzjoni ohra tal-Att dwar iz-Zwieg fil-premessi tac-citazzjoni u cjoe' l-**artikolu 19(1) (a).**

Illi zwieg ikun null, taht din id-dispozizzjoni tal-ligi:

***Art 19 (1) (a)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza'."*

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-kunsens tal-attrici gie mehud b'xi pressjoni jew vjolenza u dana peress li kienet decizjoni libera taghha li hija ghazlet it-triq taz-zwieg, u dana peress li hija ma reditx illi l-konvenut jigi deportat fil-mument li hija kienet wasslet biex twelled it-tarbija tieghu. Il-Qorti wkoll hawn taqbel mal-konkluzjonijiet tal-brava perit legali Dr. Edwina Chetcuti u hija wkoll tal-fehma li l-attrici verament kienet migbuda lejn il-konvenut u li hija

kienet ser taghmel (kif ghamlet) il-hila taghha kollha biex iz-zwieg taghha mieghu jirnexxi, izda dan ma seta' qatt ikun peress li ghall-konvenut dan kien biss zwieg ta' konvenjenza.

Illi finalment rigward it-talba attrici in konnessjoni ma' dak dispost fl-**artikolu 20 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u dana fir-rigward tal-minuri, l-Qorti hija tal-fehma li ghalkemm ma ngibux provi diretti f'dan ir-rigward u ghalkemm hawnhekk si tratta ta' kawza ta' annullament, jirrizulta minghajr l-icken dubju li l-konvenut illum telaq minn Malta u lanqas qieghed jaghmel kuntatt mal-attrici jew mal-minuri.

Illi fil-fatt irrizulta ukoll li huwa fl-ebda mument ma refa' r-responsabbiltajiet tieghu bhala missier u lanqas wera nteress biex jara lil bintu. Ghalkemm min-nota pprezentata mill-kuratur Dr. Simon Galea Testaferrata bhala kuratur ghall-assenti huwa esprima x-xewqa li jkollu xi forma ta' access ghal bintu, madanakollu kif diga' nghad din hija kawza ta' annullament ta' zwieg u ghalhekk it-talba tieghu, ma tista' qatt tinkwadra ruhha fil-parametri tal-azzjoni in dizamina. *Inoltre* ghandu jinghad li nota tal-eccezzjonijiet formali qatt ma gietipprezentata u l-konvenut lanqas indenja ruhu jaghti mqar l-indirizz fejn qieghed jirrisjedi lill-kuratur li qieghed jirrapprezenta l-interessi tieghu f'din il-kawza. Din l-attitudni min-naha tieghu hija ndikattiva ta' kemm huwa jista' jkollu nteress f'bintu minuri.

Illi ghalhekk mill-kumpless tal-provi prodotti jirrizulta li t-talba attrici ghandha tigi milqugha u dana *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u dana peress illi l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga, *oltre* li ma kienx kapaci jerfa' r-responsabbiltajiet taz-zwieg, kif ukoll peress illi l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat b'simulazzjoni totali.

Illi fid-dawl ta' dawn il-konkluzjonijiet, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess huma b'xi mod kontrastanti u nkompatibbli ma' dak hawn premess u deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-22 ta' Lulju 1997 u registrat fir-Registru Pubbliku skond l-anness dokument (Dok "A") huwa null u bla effett u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** u tordna r-registrazzjoni tal-istess sentenza skond il-Ligi u fir-rigward tal-minuri (Dok "B") tapplika a favur l-attrici u l-istess minuri d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 20 (2) u (3) tal-istess Att** b'dan ukoll li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri ghandha tkun u tibqa' fdata esklussivament f'idejn l-attrici bid-drittijiet ta' manteniment favur l-attrici u l-istess minuri skond l-istess artikolu, nkluz is-**subartikolu 20 (5) tal-Kap 255,** u dan anke peress li l-konvenut kien *in mala fede,* u r-raguni ghall-annullament ta' tali zwieg hija esklussivament imputtabbli lilu.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut assenti b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------